32005R1333

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1333/2005

tad-9 ta' Awwissu 2005

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 428/2005 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' staple fibres tal-poljester li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u fl-Għarabja Sawdita

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' *dumping* minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [1] (ir-Regolament bażiku), u b'mod partikolari l-Artikoli 8 u 9 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni, u wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

PROĊEDURA

(1) Il-Kunsill, permezz tar-Regolament (KE) Nru 428/2005 [2] ("ir-Regolament definittiv"), impona dazji *anti-dumping* definittivi fuq importazzjonijiet ta' *staple fibres* tal-poljester ("PSF") li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u fl-Għarabja Sawdita, emenda d-dazji *anti-dumping* definittivi fis-seħħ fuq tali importazzjoniijiet li jorġinaw fil-Korea ta' Isfel u temm il-proċedura ta' *anti-dumping* fir-rigward ta' tali importazzjonijiet li joriġinaw mit-Tajwan.

(2) Is-Saudi Basic Industries Corporation ("Sabic"), għan-nom tagħha u tal-kumpanniji relatati kollha, inkluż il-produttur relatat tal-prodott konċernat, l-Arabian Industrial Fibres Company (Ibn Rushd), offriet impenn aċċettabbli qabel il-pubblikazzjoni tal-konklużjonijiet definittivi iżda fi stadju fejn amministrattivament kien impossibli li l-aċċettazzjoni tagħha tiġi inkluża fir-Regolament definittiv.

(3) Il-Kummissjoni, permezz ta' Deċiżjoni XXX/XXX [3], aċċettat impenn offrut mis-Sabic. Id-Deċiżjoni tistabbilixxi r-raġunijiet li bihom intlaqa' dan l-impenn. Il-Kunsill, jagħraf li r-reviżjonijiet introdotti fl-offerta ta' impenn jeliminaw id-dannu tad-*dumping* u jillimitaw suffiċjentement ir-riskju ta' evażjoni f'forma ta' kumpens reċiproku ma' prodotti oħra.

(4) Fid-dawl ta' l-aċċettazzjoni ta' l-offerta ta' l-impenn, huwa meħtieġ li r-Regolament (KE) 428/2005 jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-paragrafi li ġejjin għandhom jiżdiedu ma' l-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 428/2005:

"4. L-importazzjonijiet dikjarati għar-rilaxx f'ċirkolazzjoni libera għandhom jiġu eżentati mid-dazji *anti-dumping* imposti mill-paragrafi 1 u 2, sakemm dawn ikunu fabbrikati, imbarkati u fatturati minn dawk il-kumpanniji li mingħandhom il-Kummissjoni taċċetta impenni u l-ismijiet tagħhom ikunu elenkati fil-listi tad-Deċiżjoni jew Regolament relevanti tal-Kummissjoni, kif emendati minn żmien għall-ieħor, u sakemm tali importazzjonijiet ikunu saru skond id-dispożizzjonijiet ta' l-istess Deċiżjoni jew Regolament.

5. L-importazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 4 għandhom ikunu eżentati mid-dazju *anti-dumping* sakemm:

(a) il-prodotti ddikjarati u ppreżentati lid-dwana jikkorrispondu eżatt għall-prodott deskritt fil-paragrafu 1,

[1] ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 461/2004 (ĠU L 77, 13.3.2004, p. 12).

[2] ĠU L 71, 17.3.2005, p. 1.

[3] See page 20 of this Official Journal.

(b) tiġi preżentata fattura kummerċjali li tinkludi ta' l-inqas l-elementi elenkati fl-Anness lill-awtoritajiet doganali ta' l-Istat Membru meta titressaq id-dikjararazzjoni għar-rilaxx f'ċirkolazzjoni libera, u

(c) il-prodotti dikjarati u preżentati lid-dwana jikkorrispondu eżatt għad-deskrizzjoni fuq il-fattura kummerċjali."

Artikolu 2

It-test stabbilit fl-Anness għandu jiżdied mar-Regolament (KE) Nru 428/2005.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 9 ta' Awwissu 2005.

Għall-Kunsill
Il-President
J. STRAW

ANNESS

"ANNESS

L-elementi li ġejjin għandhom ikunu indikati fil-fattura kummerċjali li takkumpanja oġġetti fil-bejgħ ta' *staple fibres* tal-poljester tal-kumpannija lill-Komunità li jkunu suġġett għal Impenn:

1. L-intestatura 'FATTURA KUMMERĊJALI LI TAKKUMPANJA OĠĠETTI SUĠĠETTI GĦAL IMPENN'.

2. L-isem tal-kumpannija, li toħroġ il-fattura kummerċjali, u li hija msemmija fl-Artikolu 1 ta-Regolament/Deċiżjoni tal-Kummissjoni [DAĦĦAL IN-NUMRU] li qed taċċetta l-impenn.

3. In-numru tal-fattura kummerċjali.

4. Id-data tal-ħruġ tal-fattura kummerċjali.

5. Il-kodiċi addizzjonali TARIC li taħtha l-prodotti ta' fuq il-fattura għandhom jiġu rilaxxati mid-dwana fil-fruntiera tal-Komunità.

6. Deskrizzjoni eżatta tal-prodotti, inklużi:

   — numru tal-kodiċi tal-prodott (PCN) użat għall-finijiet ta' l-investigazzjoni u l-attività (eż. NKP 1, NKP 2, eċċ.),

   — deskrizzjoni f'termini sempliċi tal-prodotti li jikkorrispondu għan-numru tal-kodiċi tal-prodott konċeranti,

   — kodiċi tal-prodott tal-kumpannija (CPC) (jekk applikabbli),

   — kodiċi NM,

   — kwanitità (għandha tingħata f'kilogrammi).

7. Id-deskrizzjoni tat-termini tal-bejgħ, inklużi:

   — il-prezz kull kilo,

   — it-termini tal-ħlas li japplikaw,

   — it-termini tal-kunsinna li japplikaw,

   — roħs u skontijiet totali.

8. L-isem tal-kumpannija li qed taġixxi bħala importatur fil-Komunità u f'isem min il-kumpannija qed toħroġ b'mod dirett il-fattura kummerċjali li takkumpanja l-prodotti suġġetti għall-impenn.

9. L-isem ta' l-uffiċjal tal-kumpannija li ħareġ il-fattura, u dikjarazzjoni ffirmata kif ġejja:

   'Jiena, is-sottoskritt, niċċertifika li l-bejgħ għal esportazzjoni diretta lejn il-Komunità Ewropea ta' prodotti koperti b'din il-fattura qiegħed isir fi ħdan l-ambitu u skond it-termini ta' l-impenn offrut mill-[kumpannija], u aċċettat mill-Kummissjoni Ewropea permezz tar-Regolament/Deċiżjoni [DAĦĦAL IN-NUMRU]. Niddikjara li l-informazzjoni provduta f'din il-fattura hija sħiħa u korretta.'"